MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**MARIA KARLSSON**

Seduta tas-17 ta' Gunju, 2011

Talba Numru. 1316/2010

**Imnara Limited (C-6856)**
**Vs**
**Galbest Limited (C-19350)**

**It-Tribunal,**

Wara li ra t-talba tas-socjeta' attrici ghall-kundanna tas-socjeta' konvenuta ghall-hlas ta' kreditu kanoninazzat fis-somma ta' elf, mitejn sitta u disghin ewro u hdax-il centezmu (€1,296.11) oltre l-imghaxijiet, rapprezentanti import ta' prezz u valur ta' prodotti ghall-ikel u ghall-konsum kif ukoll sustanzi u ingredjenti marbuta mal-produzzjoni jew preparazzjoni ta' prodotti ghall-ikel u konsum, liema prodotti, sustanzi w ingredjenti gew lilha mibjugha u konsenjati. Il-bilanc fuq imsemmi anke jekk dovut baqa' ma thallasx u ghadu mhux imhallas.

Bl-imghaxijiet mid-data tal-fatturi mhux kompletament imhallsa flimkien mall-ispejjez ta' din it-talba u tal-ittra ufficjali datata 12 ta' Frar, 2010.

Ra r-risposta tas-socjeta' konvenuta fejn qalet illi preliminarjament is-socjeta' attrici ghandha tipprezenta l-fattura relattiva. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba attrici hija nfondata fil-fatt u fid-dritt stante li m'hemm l-ebda ammonti dovuti mis-socjeta' konvenuta.

Salv eccezzjonijiet ulterjuri meta s-socjeta' attrici tipprezenta l-fattura relattiva.

Ra d-dokumenti kollha ezebiti in atti.

Sema u ra x-xhieda ta' Carmel sive Charles Micallef u Michael Galea.

Il-partijiet strahu fuq il-provi ezebiti in atti.

**Ikkunsidra:**

Illi mill-provi attrici jirrizulta li t-talba hija maqsuma f'diversi fatturi.

Illi l-fattura numru 19465 (dokument IL1 ezebit, a fol.12) fis-somma ta' erba' mija u hamsin Liri Maltin (LM450) ta' dak iz-zmien, illum elf u tmienja u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22), hija datata 20 ta' Novembru, 2007 u ffirmata minn Michael Galea.

Illi l-fattura numru 19582 (dokument IL2, ezebita a fol 13) datata 20 ta' Dicembru, 2007 kien ghad fadlilha bilanc ta' tlieta u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€33.96) gja erbatax-il Liri Maltin u tmienja u hamsin centezmu (LM14.58) li kien ghadu ma thallasx u ghalhekk huwa dovut parti minn din il-fattura.

Illi l-fattura numru 19910 datata 30 ta' Marzu, 2008 kien ghad fadal bilanc fis-somma ta' mitejn u tlettax-il ewro u sitt centezmi (€213.06) minn import totali ta' elfejn hames

mija u sitta u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€2576.76).

Illi l-fattura numru 18957 datata 24 ta’ Lulju, 2007 kien ghad fadlilha bilanc fuq is-somma ta’ sitta u tmenin centezmu ta’ ewro (€0.86) gja sebgha u tletin centezmu (LM0.37).

Komplessivament dawn l-erba’ fatturi ghandhom jirrizultaw fl-ammont tat-talba.

Illi mill-provi tas-socjeta’ konvenuta ntqal illi dwar il-fattura numru 19465 (dokument IL1, ezebita a fol.12) fis-somma ta’ erba’ mija u hamsin Liri Maltin (LM450) ta’ dak iz-zmien, illum elf u tmienja u erbghin ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€1,048.22), (datata 20 ta’ Novembru, 2007) hija ordni li kienet saret fuq it-telefon. Michael Galea, bhala direttur tas-socjeta’ konvenuta, dak iz-zmien meta kien sar in-negozju, qal li ma kienx minnu li huwa kien ha x-xoghol msemmi fil-fattura w qal ukoll illi huwa ma kienx ifffirma din il-fattura. Stqarr illi l-firma fuq dik il-fattura m’hijiex tieghu. Qal wkoll illi meta mar sabiex jigbor ix-xoghol fis-27 ta’ Novembru, 2007, dak inhar il-lavrant tas-socjeta’ attrici ma kienx sab dik il-fattura numru 19465 w inharget wahda gdida bin-numru 19502 bid-data tas-27 ta’ Novembru, 2007. Illi fl-20 ta’ Novembru 2007 huwa ma rcieva ebda konsenja. Illi dan il-kont kien thallas fl-4 ta’ Frar, 2008 permezz ta cekk numru 3244.

Rigward il-fattura numru 19582, Michael Galea kkonferma li kien ghad fadal bilanc ta’ tlieta u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€33.96) gja LM14.58 ghaliex dan kien ghadu ma thallasx. (dokument IL2). Spjega li dan il-kont ma thallasx ghaliex Galea ma qabilx mall-prezziijiet u qal illi s-socjeta’attrici ma kienetx avzatu li kien hemm awment fil-prezz qabel ma saret l-ordni. Minflok gie pprezentat kont oghla mall-konsenja. Galea qal illi huwa ma kienx accetta l-awment fil-prezz u kien hallas id-differenza fuq dik il-fattura bil-prezz l-antik.

Illi dwar l-ammont tal- bilanc fuq il-fattura numru 19910 datata 30 ta’ Marzu, 2008 fis-somma ta’ mitejn u tlettax-il

ewro u sittin centezmi (€213.06) minn import totali ta' elfejn hames mija u sitta u sebghin ewro u sitta u sebghin centezmu (€2576.76) intqal minn Galea li din il-fattura thallset permezz ta' cekk numru 3580 datat 6 ta' Gunju, 2008 fl-ammont ta' elfejn tmien mija u sitta u disghin ewro (€2,896) li kien jinkludi hlas ta' fattura numru 19855 li m'hijiex mertu ta' din il-kawza.

It-Tribunal ra l-kontijiet kollha ezebiti in atti. Rigward il-bilanc mitlub fis-somma ta' sitta u tmenin centezmu ta' ewro (€0.86) gja LM0.37 it-Tribunal ma ra ebda prova in sostenn ta' din il-parti tat-talba.

Illi rigward il-fattura numru 19582 datata 20 ta' Dicembru, 2007 b'riferiment ghall-bilanc rimanenti fis-somma ta' tlieta u tletin ewro u sitta u disghin centezmu (€33.96) gja LM14.58 li kien ghadu ma thallasx. (dokument IL2), it-Tribunal huwa tal-fehma li jekk Galea kellu xi lment dwar il-prezz huwa ma kellux jacceta l-ordni. Illi fi kwalunkwe' kaz it-Tribunal ra li l-prodotti imsemmija gew ordnati sussegwentement fl-istess prezz u thallsu w ghaldaqstant it-Tribunal jidhirlu li dan l-ammont huwa dovut.

Illi rigward il-bilanc fuq il-fattura numru 19910 datata 30 ta' Marzu, 2008 fis-somma ta' mitejn u tlettax-il ewro u sitt centezmi (€213.06) minn import totali ta' elfejn hames mija u sitta u sebghin ewro (€2576) intqal minn Galea li din il-fattura thallset permezz ta' cekk numru 3580 datat 6 ta' Gunju, 2008 fl-ammont ta' elfejn tmien mija u sitta u disghin ewro (€2,896) li kien jinkludi hlas ta' fattura ohra li ggib in-numru 19855 li m'hijiex mertu ta' din il-kawza. Izda t-Tribunal jidhirlu li Galea ma gab l-ebda prova in sostenn li c-cekk numru 3580 kien fil-fatt jinkludi l-ammont ta' €213.06.

Illi rigward il-fattura numru 19465 (dokument IL1, ezebit a fol.12) fis-somma ta' LM450 ta' dak iz-zmien, illum €1,048.22 datata 20 ta' Novembru, 2007, t-Tribunal huwa konvint illi din il-fattura giet iffirmata minn Michael Galea u li m'ghandu l-ebda dubju fuq il-provi migjuba quddiemu, li l-firma fuq il-fattura hija tieghu ghalkemm qal illi huwa qatt ma kien iffirma ghal dik il-fattura.

In konkluzjoni, t-Tribunal ra mill-provi li s-socjeta' konvenuta kienet regolarment tordna l-istess prodotti anke bejn perjodi qosra u dejjem mill-istess socjeta' attrici. Illi lit-Tirbunal rrizultalu li l-fattura numru 19465 hija awtentika u ghaldaqstant jemmen il-verzjoni tas-socjeta' attrici meta tghid illi dak l-ammont kien ghadu ma thallasx. Illi d-dokumenti MG1, MG2 u MG3 prezentati mis-socjeta' konvenuta jindikaw illi dawn thallsu f'daqqa u l-fattura numru 19161 kienet thallset flimkien mal-fatturi numru 19217, u 19236. Izda t-Tribunal jirrileva li dawn it-tlett *invoices* huma datati Settembru, 2007 u li l-fattura ewlenija mertu tal-kawza (numru 19465) hija datata 20 ta' Novembru, 2007. Illi l-prodott f'din il-fattura hi ghall-*cashew nuts*. Illi jirrizulta lit-Tribunal illi s-socjeta' konvenuta kienet ta' spiss tixtri *Cashew Nuts Kernel whole* kif jirrizulta mid-dokumenti ezebiti. Illi wara li sema' u evalwa l-provi migjuba quddiemu, ra li kien hemm diversi fatturi entrati bl-istess prodott, u ma jeskludiex illi s-socjeta' konvenuta ma kienetx entrat din il-fattura bhala konsenja. It-Tribunal m'huwiex sodisfatt illi s-socjeta' konvenuta ppruvat illi din il-fattura ma kienetx giet konsejanta lilha.

Illi wara li ezamina bir-reqqa l-provi kollha migjuba in atti, t-Tribunal huwa sodisfatt illi s-socjeta'attrici ppruvat il-kaz taghha hlief ghas-somma ta' sitta u tmenin centezmi ta' ewro (€0.86) gja LM 0.37 mitluba bhala parti mit-talba u ghaldaqstant dan l-ammont ghandu jigi mnaqqas, filwaqt illi jidhirlu li s-socjeta' konvenuta naqset milli tipprova l-allegazzjonijiet maghmula minnha.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici *in parte* u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici fis-somma limitata ta' elf mitejn u hamsa u disghin ewro u erbgha u sebghin centezmu (€1295.74) bl-interesi mid-data tas-sentenza sall-pagament effettiv.

Spejjez ta' din l-istanza sopportati mis-socjeta' konvenuta.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------